# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## Deċiżjoni numru 2383

Każ numru 2815/JHP

Fil-kwistjoni tax-xogħol

bejn

General Workers Union
u
Playmobil Malta Ltd

*Dwar l-applikazzjoni ta' Artikoli 12 u 12.1 tal-Ftehim Kollettiv vigenti bejn il-partijiet ai termini ta' liema l-impjegati kollha full time u part-time tal-kumpanija huma intitolati ghal persentagg ta' mill-anqas 75% ghal dak li jissejjah FOCUS bonus*

**Chairman: James Henry Pearsall**
**Membri: Charles Cassar**
**Joseph Farrugia**

**Illum l-Erbgha 6 ta'Mejju 2015**

**1. Ir-referenza tal-każ:**

Dan il-każ ġie riferut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' talba minghand is-Segretarju Parlamentari Chris Said datata 16 ta' Lulju 2010. It-talba intbaghtet lid-Direttur tax-Xoghol fid-9 ta' Lulju tal-2010.

Minn naha tal-General Workers Union , li minn issa l'hemm tissejjah ir-rikorrenti, permezz ta' ittra datata fil-24-ta' Gunju 2010, infurmat lil Onor Prim Ministru li kienet tezisti tilwima industrijali bejn il-GWU u il-kumpanija Playmobil dwar artikoli 12 u 21 tal-Ftehim Kollettiv vigenti (2007-2010) bejn il-partijiet ai termini ta' liema l-impjegati kollha 'full-time' u 'part-time' tal-kumpanija huma intitolati ghal persentagg ta' mill-anqas 75% ghal dak li jissejjah bhala FOCUS bonus.

Min-naħa tal-Playmobil Ltd, li minn issa il-quddiem tissejjah is-socjeta intimata, f'dikjarazzjoni li għamlet, bid-data 1 ta' Dicembru 2010, ċaħdet bil-qawwa l-allegazzjonijiet u l-pretenzjonijiet tar-rikorrenti bħala infondati.

It-Tribunal ħa konjizzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-każ kif ppreżentati miż-żewġ partijiet, żamm disa' seduti, sema' x-xhieda mressqa miż-żewġ naħat, evalwa l-provi u d-dokumenti kollha kif esebiti, kif ukoll ħa inkonsiderazzjoni l-argumenti kif ippreżentati fit-trattazzjoni finali.

Ma kienx possibbli li t-Tribunal jiddeċiedi dan il-każ fiż-żmien kif stabbilit mil-liġi minħabba numru ta' diferimenti mitluba mis-soċjetà intimata kif ukoll ċirkustanzi amministrattivi li l-istess Tribunal m'għandux kontroll fuqhom.

**2. Ir-rappreżentanza:**

**2.1** Il-General Workers Union, li minn issa 'l quddiem ser tissejjaħ is-socjeta rikorrenti kienet irraprezentata mis-Segretarju tat-Taqsima Kimika u Energija Jason Deguara , li fil-bidu kien assisstit mill-Avv. Joanne Vella Cuschieri, u aktar tard mill-Avukat Abigail Critien.

**2.2**I Il-kumpanija Playmobil, li minn issa 'l quddiem ser tissejjaħ is-socjeta intimata, kienet irrappreżentata minn HR Lorraine Aquilina, is-Sur Ivan Refalo u aktar tard minn Ms Dolsy Darmanin. Huma kienu assistiti mill-Avv. Karl Briffa.

**3 Il-fatti tal-każ fil-qosor:**

L-General Workers Union bhal ir-rikorrent tikkondendi li wara li tlett impjegati membri taghha gew trasferiti min sezzjoni ghal ohra tal-kumpanija, dawn wara xi zmien gew imwaqqfa milli jippartecipaw fil-Focus bonus, xi haga li huma kienu eliggibli ghaliha meta kienu fis-sezzjonijiet li kienu jahdmu fihom qabel.

Minn naha taghha is-socjeta intimata opponiet bil-qawwa kollha it-talba tal-Union, ghar-raguni li hi sostniet li dawn l-impjegati ma kienux aktar eliggibbli li jippartecipaw fil-Focus bonus ghax is-sezzjoni fejn intbaghatu jahdmu, qatt ma kienet l-intenzjoni li tkun eligibbli ghall dan il-bonus.

**4 Ġabra fil-qosor tax-xhieda:**

**4.1 Mary Anne Cilia "**________*HR kien hemm Lorraine Aquilina*_______________________*U imbaghad jiena ghidtilha ir-regolamenti, il-proceduri, kolla jibqghu l-istess??. Qaltli iva*____________*Imbaghad staqsejtha fuq il-Focus niftakar*___________________*u qaltli il-Focus jibqa*____*".(*Sed 02-02-2011)

**4.2 Helga Ellul "***The establishing of MAU was not agreed there was no payment of Focus since there have never been transfers from production*____*" "There were no transfers, correct*____*"* (Sed 04-05—2011).

**4.3 Ivan Refalo "**___________ *Ultimately it was decided after several talks with union and the committee and Mrs Ellul, that we would continue payment until the end of the financial year which was till March 2010*_____*".* (Sed 22-06-2011)

**4.4 Helga Ellul "***No, Focus was not, we didn't talk about it, they didn't ask, we didn't talk, nobody thought of it. In all fairness I think nobody thought of it. It didn't come up".* (Sed 04-05-2011)pag 29

*5* **Chairman** *"So they assumed they will continue???"*

6 **Helga Ellul** **“** *They assumed yes***”.** (Sed 04-05-2011) pag 29

7 **Helga Ellul “***Obviously HR was involved***__”;** **“***Lorraine Aquilina* **”.** (Sed 04-05-2011) pag 30

**8** **Ivan Refalo** *“ Following the evidence__________________where it was claimed that Miss Aquilina had indicated that Focus would be retained, I contacted her _____________asking her if she had ever given indication , that Focus would be retained, and she confirmed that__”.* (Sed 22-06-2011) pag 7

**9** **L-Avv Joanne Vella Cuschieri**: waqt il-kontro ezami “When the discussions_________________________in your presence did it mention or what would happen about Focus_________” **Helga Ellul** “No”. (Sed 26-06-2013) pag 4

10 **Jason Deguara “***Iva jiena tkellimt ma tlett persuni in kwistjoni u l-uniku persuna li ghadu ghaddej u jixtieq jibqa ghaddej bil-kaz huwa biss is-Sur Carmelo Pace, iz-zewg persuni l-ohra ddecidew b’mod formali li jwaqqghu,il-kaz kontra l-kumpanija***”.** (Sed 30-10-2013) pag 2.

**11 Is-sinteżi tat-trattazzjoni tal-każ:**

**L-Avukat Karl Briffa** ghas-socjeta intimata, filwaqt li esebixxa estratt tal-ftehim kollettiv 2011-2013 fejn qal “*______qieghed nipprezenta l-estratt dwar eligibilita’ ta’ l-impjegati fir-rigward tal , tal- Focus payments __________” .*

Hu ikkonferma ukoll li kien qieghed jaghmel riferenza ghall ftehim kollettiv ta’ 2007/ 2010 li, “*kien fil-mori ta’ dan il-collective agreement 2007/2010 nholoq dan id-dipartiment gdid (MAU) illi fihom dawn l-impjegati li kienu jittrenjaw etc”,*

kompla jispjega *li “_________Issa allura il-kelma MAU mhux ser tifeaturja fil-collective agreement 2007 / 2010 ghal din ir-raguni li giet imwaqqfa wara li dahal fis-sehh dan il-collective agreement-_________”.*

L-Avv Karl Briffa fit-trattazzjoni jaghraf li, “_____ *mela jekk kien hemm anomalija jew kien hemm dizgwid ta’ interpretazzjoni dik giet iccarata bi qbil anke tal- GWU* ***illi fi 2011 dawn gew ezkluzi*** *MAU bhala MAU issa,_________”.* sed 11-02-2015 (pag 9).

**L-Avukat Abigail Critien** ghas-socjeta rikorrenti ikkonfermat li “______________*id-distinzjoni netta ghal MAU saret kien fl-elfejn u hdax meta dahal il-ftehim kollettiv il-gdid. Il-kawza odjerna, it-talba specifika hi bejn April 2009 u l-ahhar ta’ Marzu 2010”.*

Hi sostniet li it-Tribunal ghandu jara “________ *x’obbligi kellha s-socjeta’ fi ftehim kollettiv, u_______il-ftehim kolettiv ma jaghmel l-ebda distinzjoni bejn dak li hu part timer, bejn dak li huwa full timer, bejn dak li huwa full timer, bejn dak li il-kollega qed isemmi l-partial employment: dawn ma jezistux._____”_*

12 **Il-kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal:**

Is-socjeta ( Il-Union) qed tinterpella biss  ghan nom ta'impjegat li kien diga jippartecipa fis-sistema tal-Focus.

It-Tribunal jikkonferma li fil-Ftehim Kollettiv li kien fis-sehh bejn 2007-2010, hemm miktuba klawsola specifika (pagna 54 li isegwi Art 3) fejn jinghad hekk;
"*In order to exclude an employee from Focus entitlement, agreement will be sought between senior management and union representative*s".

It-Tribunal jaf ukoll li sezzjoni gdida imsejjha MAU twaqqfet wara li beda fis-sehh il- Ftehim Kollettiv u li fih ma kien hemm l-ebda riferenza ghall din is-sezzjoni
Hija il-klawsola fuq imsemmija fil-Ftehim Kollettiv, li kienet tholl u torbot.

Il-Ftehim Kollettiv il-gdid tal 2011-2013 gie emendat, u fih gie stipulat esplicatament, li l-impjegati li jahdmu fis-sezzjoni tal-MAU huma eskluzi milli jippartecipaw fil-Focus bonus.
Hawnhekk dan il-Ftehim kollettiv nehha kull ekwivoku li seta kellu il-ftehim precedenti.

It-Tribunal Industrijali jirriafferma li Ftehim Kollettiv huwa ftehim, u meta maqbul bejn iz-zewg partijiet, kull tibdil mehtieg jista jsehh biss bi qbil bejn iz-zewg partijiet. Ftehim huwa ftehim u irrid jinzamm, "**Pacta sunt servanda"**.
Dan huwa il-pern ta' din it-tilwima, fejn it-tribunal irid jaccerta li ftehim kollettiv jigi segwit *in toto* u bl-ebda mod imxellef minghajr il-qbil tal-partijiet.

Il-fatti  principali li jrid jibbaza l-fehma tieghu dan it-Tribunal huma :

(1) Il-Ftehim kollettiv applikabbli ghall-impjegat in kwistjoni, u li kien diga qed jippartecipa fil- Focus, kien dak tal- 2007---2010.
(2) Il-klawsola f'dan il-ftehim kollettiv li titkellem x'irid jigri f'kaz li impjegat irid jigi eskluz mill-partecipazzjoni fil-Focus bonus, u cjoe li dan irid isir bi qbil bejn is-senior management u ir-rapprezzentanti tal-union.

Kien biss il-Ftehim kollettiv il-gdid, dak ta' 2011-2013 li  ghamilha cara minn huma l-impjegati mhux eligibbli ghal Focus, u b'hekk solva l-hekk imsejjha anomalija li konsegwenza taghha inholqot din it-tilwima industrijali.

**13 Id-deċiżjoni:**

It-Tribunal Industrijali,  wara li sema' x-xhieda tal-partijiet, qara s-sottomissjonijiet, evalwa x-xhieda u d-dokumenti kollha, kif ukoll ħa in kunsiderazzjoni tat-trattazzjoni tal-partijiet, jaqta' u jiddeċiedi li is-socjeta intimata ma setghetx tibdel din il-kundizzjoni  ta' xoghol,  jekk mhux biss bi ftehim bejn iz-zewg partijiet jew bi ftehim kollettiv gdid.

Ghalhekk it-Tribunal jordna lill istess-socjeta sabiex thallas il-Focus lir-rikorrenti, skond it-talba specifika kif mitluba mir-rikorrenti stess u cjoe ghal-perjodu ta’ bejn April 2009 u l-ahhar ta’ Marzu 2010.

B’hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xogħol.

Għall-finijiet ta’Avviż Legali 48 tal-1986, dan it-Tribunal jistabbilixxi d-drittijiet ta’ min assista l-partijiet fl-ammont ta’ 93 euro u 17-il ċenteżmu.

James Pearsall

Chairman

Charles Cassar
Membru

Joseph Farrugia
Membru